Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LXIII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55 u l-Att dwar Arkivji Nazzjonali, Kap. 477.

ACT No. LXIII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Cap. 55 and the National Archives Act, Cap. 477.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **DOLORES CRISTINA**
Aġent President

19 ta' Novembru, 2021

ATT Nru LXIII tal-2021

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55 u l-Att dwar Arkivji Nazzjonali, Kap. 477.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-liġijiet dwar l-Arkivji. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
EMENDI GĦALL-ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili. Kap. 55.

3. Fil-proviso għall-paragrafu (j) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, il-kliem "l-Awtorità msemmija fl-istess liġi." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Awtorità msemmija fl-istess liġi;" u Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) jekk, f'każ ta' kuntratt ta' bejgħ jew xiri ta' proprjetà immobbli, isir ħlas fi flus kontanti kemm jekk sħiħ u kemm jekk parti minnu minn jew f'isem il-partijiet għall-kuntratt, fejn l-ammont ta' dak il-ħlas jammonta għal għaxart elef euro (€10,000) jew iktar, jew l-ekwivalenti tiegħu fi kwalunkwe munita oħra:

Iżda, għall-finijiet tal-paragrafu (k), it-termini "flus kontanti" u "proprjetà immobbli" ifissru l-istess bħat-tifsira mogħtija lilhom taħt ir-Regolamenti dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti.".

L.S. 373.04.

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

4. Fl-ewwel proviso għall-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali, il-kliem "bħala Nutar Pubbliku." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bħala Nutar Pubbliku:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll nutar li jkun jinsab f'impjieg full-time qabel is-27 ta' Lulju, 2021 għandu jkollu sal-1 ta' Ġunju, 2024 sabiex jirregola l-pożizzjoni tiegħu skont dan is-subartikolu. Atti nutarili riċevuti u kkumpilati minn nutar li jkun jinsab f'impjieg full-time qabel l-1 ta' Ġunju, 2024 għandhom jitqiesu validi;".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "tal-atti u reġistri nutarili ta' dawk in-nutara li kienu nutara tal-Gvern" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-atti nutarili ta' dawk in-nutara li kienu nutara tal-Gvern" u l-kliem "u tal-atti u reġistri nutarili li huma ta' proprjetà tal-Gvern," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u tal-atti nutarili li huma proprjetà tal-Gvern,";

(b) il-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-proviso tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid (b), (ċ) u (d) rispettivament; u

(ċ) fil-proviso tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

Kap. 477.

"(a) l-Arkivista Nazzjonali maħtur skont l-Att dwar l-Arkivji Nazzjonali għandu jkun il-konservatur *ex officio* tar-reġistri nutarili ta' dawk in-nutara li kienu nutara tal-Gvern f'Malta u Għawdex, u tar-reġistri nutarili li huma proprjetà tal-Gvern, jew huma tal-privat, iżda għal xi raġuni jew oħra, ma jkollhomx nutar konservatur jew delegat jew meta dawn ir-reġistri jiġu maqbuda għal raġuni tajba kkontemplata f'dan l-Att;".

Emenda tal-artikolu 97 tal-Att prinċipali.

6. Il-paragrafu (d) tal-artikolu 97 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Emenda tal-artikolu 98 tal-Att prinċipali.

7. Il-paragrafu (d) tal-artikolu 98 tal-Att prinċipali għandu jiġi mħassar.

Żieda tal-artikolu ġdid 98A fl-Att prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 98 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Reġistri nutarili depożitati għall-konservazzjoni fl-Arkivji Nazzjonali.

98A. Ir-reġistri kollha tal-atti nutarili rċevuti minn nutara li joqogħdu f'Malta u Għawdex jew Kemmuna meta dawn ir-reġistri huma proprjetà tal-Gvern, jew huma tal-privat iżda, għal xi raġuni jew oħra, ma jkollhomx nutar konservatur jew delegat, jew meta dawn ir-reġistri jiġu maqbuda minn idejn tali nutara għal raġuni tajba kkontemplata f'dan l-Att, għandhom jiġu depożitati fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta:

Iżda n-Nutur Prinċipali tal-Gvern jista' jispezzjona u jieħu kopji tar-reġistri f'kull ħin u mingħajr ebda ħlas.".

Emenda tal-artikolu 131 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 131 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) is-subartikoli (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (6) u (7); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Nutar li jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(k) għandu jeħel, għal kull ksur, penali amministrattiva ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000).".

TAQSIMA II
EMENDI GĦALL-ATT DWAR ARKIVJI NAZZJONALI

Emenda għall-Att dwar Arkivji Nazzjonali. Kap. 477.

10. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Arkivji Nazzjonali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Arkivji Nazzjonali, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

11. Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Fil-każ li l-Arkivista Nazzjonali jintalab jispezzjona jew joħroġ kopja tar-reġistru ta’ testment pubbliku depożitat fl-Arkivji Nazzjonali, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.". Kap. 55.

Emenda tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali.

12. Minnufih wara l-paragrafu 3 tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"4. Ir-reġistri kollha tal-atti nutarili rċevuti min-nutara li joqogħdu f’Malta u Għawdex jew Kemmuna meta dawn ir-reġistri huma proprjetà tal-Gvern, jew huma tal-privat iżda, għal xi raġuni jew oħra, ma jkollhomx nutar konservatur jew delegat, jew meta dawn ir-reġistri jkunu maqbuda minn idejn tali nutara għal raġuni tajba kkontemplata f’dan l-Att, għandhom jiġu preservati f’repożitorju ta’ arkivji li jaqa’ taħt ir-responsabbilità tal-Arkivji Nazzjonali:

Iżda, ir-reġistri kollha tal-atti nutarili rċevuti min-nutara li joqogħdu f’Għawdex jew Kemmuna għandhom ikunu depożitati fis-sezzjoni ta’ Għawdex tal-Arkivji Nazzjonali.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 520 tas-16 ta’ Novembru, 2021.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati